Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' April, 2010

Talba Numru. 9/2010

**GasanMamo Insurance LimitEd hekk kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Carmel sive Charles Borg,**
**sija bil-polza sija bil-ligi, u l-istess Carmel sive Charles Borg**

**vs**

**Raymond Vassallo f'ismu proprju u ezercjenti kummerc bl-isem "Ray's Lido"**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici et fejn talbu lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' seba' mija u tmintax-il ewro u hamsin centezmi (€718.50), li jinkludu hamsa u hamsin ewro (€55) imhallsa bhala *Excess* mill-assikurat tas-socjeta' attrici, Carmel sive Charles Borg, rapprezentanti danni kkagunati in segwitu ta' incident li sehh fit-3 ta' Lulju, 2008 fil-bajja ta' l-Armier, limiti tal-Mellieha, meta umbrella tax-xemx, proprjeta' tal-

konvenut taret u waqghet ghal fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BRG-307, proprjeta’ tal-assikurat tas-socjeta’ attrici, Carmel sive Charles Borg u dana stante illi l-istess incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ hila fis-sengha u l-arti da parti tieghu stess.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali tal-14 ta’ Jannar, 2009 u tad-19 ta’ Mejju, 2009 u bl-imghaxijiet legali sal-gurnata tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut pprezenta nota ta’ ammissjoni li kien responsabbli ghad-danni kkagunati in segwitu ghall-incident li sehh fit-3 ta’ Lulju, 2008 fil-bajja tal-Armier, limiti tal-Mellieha.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Peress li hemm ammissjoni da parti tal-konvenut li kien tort tieghu li kien hemm danni kkagunati fil-vettura ta’ Carmel sive Charles Borg, dan it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti.

Bl-ispejjes u l-imghax kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------